# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017**

**Numru 21**

**Ċitazzjoni Numru 1132/05 JZM**

**Improve Design Ltd. (C11291)**

**v.**

**Ray's Car Hire Ltd. u Ray Avallone de proprio**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li s-soċjeta` attriċi ressqet fit-28 ta' Novembru, 2005, li jaqra hekk:

1. illi l-kontendenti kienu dahlu fi ftehim bejniethom in forza ta' skrittura privata datata 1 ta' Awissu 2000 in forza ta' liema l-konvenuti gew permessi jikkonducu n-negozju taghhom in konnessjoni ma' sitt vetturi tal-kiri fuq permess intestat fuq isem is-socjeta' attrici;

2. Illi s-sitt vetturi in kwistjoni jgibu n-numri ta' registrazzjoni GAK 424 – GAK 426 – GAK 427 – GAK 428 – GAK 421 – GAK 429;

3. Illi tali ftehim kellu jibqa' fis-sehh bejn il-kontendenti sakemm is-socjeta` konvenuta kienet sejra tottjeni estenzjoni fuq il-permess propru taghha;

"4. Illi l-kontendenti kienu qablu wkoll li s-socjeta` attrici kellha tithallas kumpens ta' mitejn lira fis-sena ghal kull vettura minn sitta li kienu ser jigu negozjati mill-konvenuti fuq il-permess intestat fuq isem is-socjeta` attrici;

"5. Iilli skond il-precitat ftehim, is-socjeta` attrici ma kellha b'ebda mod tigi tenuta responsabbli ghal hlas ta' multi in konnessjoni mal-gestjoni tas-sitt vetturi in kwistjoni;

"6. Illi l-konvenuti naqsu li jhallsu lis-socjeta` attrici l-kumpens pattwit fuq indikat tul dan iz-zmien kollu mid-data tal-imsemmija skrittura sal-lum u inoltre naqsu wkoll li jhallsu u/jew li jirrifondu l-multi kollha nflitti fuq is-socjeta` attrici mill-Awtoritajiet kompetenti in konnessjoni mas-sitt vetturi in kwistjoni;

"7. Il-konvenuti kienu gew interpellati inutilment ghal diversi drabi kemm biex jeffettwaw il-pagamenti dovuta u kif ukoll biex jersqu ghal xi forma ta' ftehim ;

"8. Illi kien ghalhekk li s-socjeta` attrici giet kostretta tistitwixxi l-odjerni proceduri.

"Ighidu ghalhekk l-istess konvenuti l-ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

"1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma debituri fil-konfront tas-socjeta` attrici kemm ghal dak l-ammont ta` kumpens kif pattwit bejniethom mid-data tal-precitata skrittura privata sa dakinhar tas-sentenza jew sakemm l-imsemmija sitt vetturi jigu trasferiti fuq il-permess tal-konvenuti jew min minnhom liema data tigi l-ewwel u kif ukoll ghal dak l-ammont konsistenti f`multi nflitti mill-Awtoritajiet in konnessjoni mas-sitt vetturi in kwistjoni sal-gurnata tas-sentenza jew sakemm il-vetturi jigu trasferiti fuq il-permess tal-konvenuti, liema data tigi l-ewwel;

"2. Tillikwida l-ammonti dovuta mill-konvenuti jew min minnhom lis-socjeta` attrici sia bhala kumpens u sia bhala total ta` ammont ta` multi dovuta kif spjegat hawn fuq;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammonti kollha kif hawn likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta` qbid u ta` sekwestru kawtelatorji t-tnejn prezentati fis-17 ta` Novembru 2005 u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-imsemmija mandati kawtelatorji kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet taż-żewġ konvenuti li in forza tagħha eċċepew illi:

"1) Illi fl-ewwel lok, il-konvenut Raymond Avallone ma kellu ebda rapport guridiku mas-socjeta` attrici u ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`.

"2) Dwar it-talba ghall-hlas tal-kumpens reklamat mis-socjeta` attrici jigi eccepit :

"i) Illi ma huwa pagabbli ebda kumpens mill-konvenuti lis-socjeta` attrici billi, kif inhu anke evidenzjat mill-iskrittura ezebita mill-istess socjeta` bhala Dokument A, il-kontendenti qatt ma qablu illi kellu jsir xi hlas mis-socjeta` konvenuta lil dik attrici.

"ii) Illi ftit wara illi gie ffirmat il-ftehim tal-1 ta` Awissu 2000, l-eccipjent kien talab lis-socjeta` attrici sabiex (a tenur ta` dak miftiehem fil-paragrafu 3 tal-istess ftehim) tiffirma l-formoli mehtiega biex il-vetturi illi kienu, appuntu bis-sahha tal-istess ftehim, registrati f`isem is-socjeta` attrici, jigu minflok registrati f`isem dik eccipjenti, is-socjeta` attrici rrifjutat jew ahjar ikkondizzjonat il-kunsens taghha ghall-hlas ta` somma illi qatt ma kienet giet miftehma u li qatt ghar-ragunijiet ekonomici ovvji ma kienet sejra tigi accettata. In vista ta` dan, l-obbligu ta` hlas ta` kumpens (illi l-ezistenza tieghu hija kif inghid kontestata) ghandu jitqies illi spicca hekk kif saret l-imsemmija talba mis-socjeta` esponenti billi s-socjeta` attrici ma tistax tippretendi li tkun kumpensata proprju ghall-perjodu illi hija kienet moruza fl-ezekuzzjoni tal-obbligi kontrattati minnha, aktar u aktar, jekk kif inhu l-kaz, tali morozita` tkun direttament iggenerat il-pretenzjoni ghall-hlas.

"iii) Illi meta saret l-ewwel pretenzjoni ghall-hlas lilha ta` "kumpens" mis-socjeta` attrici, dik eccipjenti kienet, ghalkemm konxja tal-fatt illi ma kien hemm ebda ftehim dwar hlas ta` kumpens, offriet li thallas lis-socjeta' konvenuta kumpens ragonevoli, proprju biex il-vetturi jigu trasferiti f`isem is-socjeta` eccipjenti, b`mod illi f`kaz illi, kontrarjament ghal dak eccepit mis-socjeta` eccipjenti, jigi likwidat kumpens pagabbli lis-socjeta` attrici, l-offerta ta` hlas maghmula mis-socjeta` eccipjenti ghandha tigi konsiderata ghall-fini tal-ispejjez tal-kawza.

“3. Dwar it-talba ghall-hlas tal-multi reklamat mis-socjeta` attrici jigi eccepit :

“i) Illi l-multi meritu tat-talba attrici gew inflitti ghaliex il-licenzja tal-vetturi meritu tal-ftehim bejn il-kontendenti ma gietx imgedda. Tali tigdid ma sarx unikament minhabba s-socjeta` attrici illi, prezumibbilment bil-ghan illi tikkostringi lis-socjeta` eccipjenti thallas “kumpens” – illi qatt ma gie miftiehem – f`somma ezorbitanti, ta struzzjonijiet lill-awtoritajiet relattivi sabiex ma jippermettux it-tigdid tal-licenzji. Is-socjeta` attrici ma tistax allura tippretendi illi tigi risarcita danni illi huma auto-inflitti u precipitati mill-mossa cinika taghha stess.

“ii) Illi inoltre, is-socjeta` attrici, notifikata bid-diversi proceduri fi Tribunali lokali illi wasslu eventwalment ghall-imsemmija multi naqset milli taghti avviz tal-istess lill-istess socjeta` eccipjenti jew altrimenti milli tiddifendi l-istess proceduri, b`mod illi d-diversi multi nflitti zdiedu bil-penalitajiet mahsuba ghall-kaz tal-kontumacja tal-imputat.

“iii) Illi l-multi huma se mai pagabbli lid-diversi Kunsilli Lokali illi jigu identifikati fil-kors tas-smigh tal-kawza b`mod illi s-socjeta` attrici ma ghandhiex id-dritt tistitwixxi proceduri sabiex tesigi l-hlas lilha tal-istess.

“iv) Illi di piu` ma jirrizultax illi s-socjeta` attrici hallset de proprio l-multi meritu tal-kawza u sakemm ma jigix provat mod iehor is-socjeta` attrici ma tistax ghalhekk tippretendi illi tigi risarcita ghal danni illi ma soffrietx.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta’ Diċembru, 2012, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

“1. Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Raymond Avallone billi tghid illi ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kumpannija attrici u il-konvenut Raymond Avallone *de proprio*, u kwindi qeghda tillibera lill-konvenut Raymond Avallone *de proprio* mill-osservanza tal-gudizzju.

“2. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni.

"3. Tichad it-tielet eccezzjoni.

"4. Tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara li l-kumpannija konvenuta hija debitrici biss tas-socjeta` attrici ghall-multi kollha li kienu inflitti kontra l-kumpannija attrici mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-sitt vetturi fuq riferiti.

"5. Tipprovdi dwar it-tieni talba billi tillikwida limitatament il-hlas tal-multi li ghandu jsir mill-kumpannija konvenuta lill-kumpannija attrici fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf u disa' mija u erbgha u tletin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€24,934.51).

"6. Tipprovdi dwar it-tielet talba billi tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf u disa' mija u erbgha u tletin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€24,934.51) bl-imghax legali b'effett mil-lum.

"7. Tordna li l-ispejjez tal-konvenut Raymond Avallone *de proprio* ghandhom jithallsu mill-kumpannija attrici, waqt li l-ispejjez l-ohra tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**<u>Maryanne Bezzina</u>** xehdet illi hi u Felix Mifsud kien jafu lil Ray Avallone u l-familja tieghu qabel sar il-ftehim in kwistjoni. Hi u Mifsud kienu jikru l-vetturi, u kemm-il darba krew vetturi minghand Avallone. L-istess ghamel Avallone minghandhom. Apparti *car hire,* huma kienu wkoll *turnkey contractors***.** Wasal zmien fejn iddecidew li jnaqqsu n-negozju tal-*care hire* sakemm eventwalment waqfu ghal kollox minn dak ix-xoghol. F`Marzu jew April tal-2000*,* Ray Avallone talabhom biex sitt karozzi godda li kien akkwista jigu registrati fuq il-permess taghhom ghal zmien tlett xhur sakemm jirranga l-permess tieghu. Accettaw kontra qalbhom li jsir hekk bil-kundizzjoni li jkun ghal tlett xhur biss. Avallone assikurahom li setghu jafdawh. Tliet xhur wara, Avallone rega` kellem lil Felix Mifsud u pprezentalu ftehim biex jiffirmah. Avallone qalilhom illi fil-ftehim kien miktub illi Mifsud ma kien se jkollu x`jaqsam xejn ma` la ma pagament tal-vetturi u lanqas mal-hlas ta` multi. Fil-ftehim ma kienx miktub li Avallone kellu jdawwar ir-registrazzjoni tal-vetturi fi zmien tlett xhur.

"Ix-xhud kompliet tixhed illi l-vetturi baqghu registrati f`isem Felix Mifsud. Avallone kien iwahhal fid-Dipartiment bhala r-raguni ghalfejn il-vetturi baqghu ma darux fuq ismu. F`okkazjoni minnhom, Avallone

insista maghha li taghtih kont daqs li kieku l-vetturi kienu se jdumu sena shiha registrati f`isem Mifsud u hi hekk ghamlet u tat il-kont lil Avallone fil-garaxx tieghu. Avallone qatt ma hallashom xejn. X`hin ghaddiet it-tieni sena, hija ghaddiet lil Avallone l-kont ghat-tieni sena izda Avallone ma hallasx. Kellhom jithallsu multi ghal kontravvenzjonijiet tat-traffiku. X`hin intebhu li Avallone kien qed ighaddihopm biz-zmien, insistew li ssir laqgha bl-avukati. Il-laqgha saret. Fil-laqgha, Avallone qal li huwa qatt ma kien offra flus. Wara li ntemmet il-laqgha, Felix Mifsud kiteb lid-Dipartiment tal-Licenzji sabiex il-licenzji ta` dawk il-vetturi ma tiggedditx, jekk ma jkunx prezenti hu.

"Fil-**kontroezami**, ix-xhud ikkonferma illi l-partijiet kien ftehmu dwar kumpens, izda dan sar bil-kliem biss. Mifsud kiteb lid-Dipartiment tal-Licenzji sabiex ma jsirx tigdid ta` licenzji tal-vetturi fl-assenza tieghu ghaliex Avallone ma riedx ihallsu kumpens. Mifsud talab kumpens ghaliex kien qed jircievi hafna citazzjonijiet dwar dawk il-vetturi u ma riedx responsabilita` taghhom. Il-vetturi baqghu dejjem fil-pussess Avallone li kien jikrihom.

"**Felix Mifsud** xehed illi fl-Ghid tal-2000, kellmu Ray Avallone sabiex numru ta` vetturi li kien se jakkwista ghall-kiri jirregistrahom fuq il-permess ta` Mifsud minflok fuq dak ta` Avallone ghaliex Avallone ma setax jirregistra aktar vetturi fuq il-permess tieghu. Qallu biex izomm il-vetturi f`ismu ghaliex zmien ta` mhux aktar minn tliet xhur. Mifsud accetta bil-patt li z-zmien ikun ta` tliet xhur. F`Lulju 2000, Avallone insista mieghu sabiex jiffirma ftehim mieghu li kien tfassal minn avukata li kienet tahdem fl-istess ufficju ta` l-avukat ta` fiducja tieghu. Fil-ftehim inghad li ma kienx responsabbli ghal pagamenti tal-karozzi u ghall-hlas ta` citazzjonijiet. Ghalkemm kien hemm insistenza li l-ftehim ikun ghal tliet xhur biss, Avallone kien qallu li jekk jinqala` xi haga huwa kien lest li jhallas daqs haddiehor. Ghaddew it-tliet xhur izda Avallone baqa` ma rrangax dwar il-permess. Meta wasal ir-raba` xahar, Avallone qallu biex jibghatlu kont ta` sena shiha biex b`hekk ipattilu talli qdieh. Ghaddiet sena u sar tigdid tal-licenzji f`ismu bla ma hu kien infurmat. Kellem lil Avallone li qallu biex jassapportih ftit iehor. Avallone talbu kont iehor din id-darba ghat-tieni sena minkejja li lanqas il-kont tal-ewwel sena ma kien hallas. Meta ra li kien ghaddej iz-zmien, talab li ssir laqgha ma` Avallone flimkien mal-avukati taghhom. Fil-laqgha hareg li Avallone ma ried ihallas xejn. Bhala fatt, Avallone zamm il-vetturi f`isem Mifsud, kera l-vetturi u zamm id-dhul l-istess Avallone. Ghalhekk kiteb lid-Dipartiment tal-Licenzji sabiex ma jiggeddux il-licenzji tal-vetturi fl-assenza tieghu. Il-licenzji ma kienux imgedda izda l-vetturi baqghu jintuzaw fit-triq xorta wahda ghax kellmuh il-pulizija. Ippreciza li minn mindu ffirma l-ftehim, ma rcieva l-ebda kumpens minghand Avallone. Huwa kien qieghed jippretendi kumpens ta` Lm200 fis-sena ghal kull wahda mis-sitt vetturi. Fil-fehma tieghu, il-pretensjoni tieghu kienet ragjonevoli tenut kont illi vettura kienet tinkera bis-Lm6 kuljum. Inoltre kien hemm il-multi li hargu f`ismu bl-uzu tal-vetturi minn Avallone.

"Fil-**kontroezami**, ix-xhud ikkonferma li huwa kien iffirma l-ftehim. Ikkonferma li l-ftehim ma kien isemmi xejn dwar kumpens. Il-ftehim kellu jkopri r-registrazzjoni tal-vetturi f`ismu ghal zmien tliet xhur biss. Il-ftehim kien sieket dwar x`jigri jekk jghaddu t-tliet xhur. Ix-xhud cahad illi Avallone kien avzah f`Novembru 2000 li kien irranga biex idawwar il-vetturi f`ismu. Sostna li Avallone kien accetta li se jhallas l-ammont ta` l-*invoice.* Ikkonferma li wara sena, Avallone infurmah illi l-licenzja setghet iddur f`ismu pero` Avallone ma riedx li jsir hekk minhabba ic-citazzjonijiet li kien hemm pendenti fuq il-vetturi. Ippreciza li hu baghat l-ittra lid-Dipartiment tal-Licenzji biex Avallone jiccaqlaq u jdawwar il-vetturi ghal fuq ismu. Ix-xhud ikkonferma li hafna mic-citazzjonijiet li kien hemm fuq il-vetturi, kienu jirrigwardaw il-fatt li l-licenzja ma kenitx imgedda.

"**Dottor Tanya Sammut** spjegat li ma kenitx hi li kienet hejjiet il-ftehim ta` bejn il-partijiet izda l-Av. Francesco Depasquale.

"**Dottor Francesco Depasquale** xehed illi huwa jaf lil Avallone bhala klijent ta` Dr Stephen Thake u lil Mifsud bhala kien klijent ta` Dr Norval Desira. Huwa kien jahdem fl-ufficcju ta` dawn iz-zewg avukati bhall-Av. Tania Sammut. Seta` jghid illi Avallone u Mifsud kienu marru quddiemu biex jiddiskutu kif ser jaslu fi ftehim. Pero` ma kkonfermax illi kien kiteb hu l-ftehim.

"**Christopher Darmanin** mid-Direttorat tat-Testijiet tal-Vetturi xehed illi li l-vetturi GAK 424, GAK 426, GAK 427, GAK 428, GAK 421 u GAK 429 kollha Daewoo kienu gew registrati bhala l-ewwel *ownership* fuq Felix Mifsud ghal *Improved Design Limited.* Il-licenzja ta` dawn il-vetturi kienet skaduta billi l-licenzjat ma kenitx imgedda wara minn Lulju 2002. Id-data tal-*first registration* kienet l-24 ta` Awissu 2000. Kompla jixhed illi fil-25 ta` April 2002, id-Dipartiment kien ircieva ittra minghand Felix Mifsud ghan-nom tal-kumpanija tieghu, fejn talab li biex jiggeddu dawn is-sitt vetturi kellu jmur hu personalment. Wara d-Dipartiment ircieva zewg ittri legali minghand Mifsud. F`wahda minn dawn l-ittri, kien hemm talba biex il-vetturi jingabru mit-triq billi kienu qeghdin jintuzaw fit-triq ghalkemm il-licenzja taghhom kienet skaduta. Kaz ta` dik ix-xorta kien kompetenza tal-pulizija pero` ppreciza illi huma ma rreferewx il-kaz lill-pulizija.

"Ix-xhud kompla spjega li l-licenzja tas-sitt vetturi ghalqet fl-2002. Dwar multi qal illi –

> "Fil-kaz tal-vettura GAK 429, kien hemm l-ammont ta` €1,688.77;
> Fil-kaz tal-vettura GAK 421, kien hemm l-ammont ta` €7,080.75;
> Fil-kaz tal-vettura GAK 426, kien hemm l-ammont ta` €4,903.10;
> Fil-kaz tal-vettura GAK 428 kien hemm l-ammont ta` €2,492.26;
> Fil-kaz tal-vettura GAK 424, kien hemm l-ammont ta` €3,959.71; u
> Fil-kaz tal-vettura GAK 427 kien hemm l-ammont ta` €4,809.92."

“Il-multi kienu kollha ghal kontravvenzjonijiet ghaliex il-licenzja ma kenitx imgedda.

“Fl-affidavit tieghu, **Raymond Avallone** xehed illi huwa kien *sole director* tal-kumpanija *Ray`s Car Hire Limited.* Kull haga li ghamel f`din il-kwistjoni sar f`isem il-kumpanija. Fl-2000, *Ray` s Car Hire Limited* riedet izzid sitt vetturi mal-flotta taghha tal-karozzi tal-kiri. Ir-regolamenti dwar l-azjendi tal-kiri ta` karozzi kienu jorbtu in-numru ta` karozzi registrati ma` l-ispazju tal-garaxx ta` l-azjenda. F`dik is-sena, kienet dahlet skema fejn il-Gvern accetta li jaghti *extension* fis-sens li ghal kull tlett karozzi illi azjenda kienet intitolata zzomm skond ir-regolamenti, setghet tirregistra karozza ohra. Ghalhekk huwa kien intitolat li jzid sitt karozzi ohra. Fil-fatt ordnahom u hallas id-depozitu. Wara l-iskema giet sospiza. Billi kien hallas id-depozitu, kellu jixtri l-vetturi. Kien jaf li Felix Mifsud kellu licenzja tal-karozzi tal-kiri li ma kienx qed juzaha. Ghalhekk talbu jghinu fil-kwistjoni li sab ruhu fiha. Mifsud accetta li ghal zmien qasir jirregistra l-vetturi f`ismu. Sar ftehim bil-miktub sabiex Mifsud ikun kopert ghal multi u obbligi ohra li jistghu jinqalghu. Pero` ma ssemma xejn dwar hlas ta` kumpens. Saret laqgha l-ADT fejn kien infurmat li kien eligibbli ghall-*extension*. Wara li kien lil Mifsud, dan ipprezentalu *nvoice* u cioe` kont ta` Lm1,380 bhala l-prezz ta` *hosting* ta` sitt karozzi. Irrifjuta dik il-pretensjoni u accetta li jhallas biss ta` spejjez li setghu saru. Kien lest ihallas lil Mifsud xi haga zghira talli kien ghenu. Mifsud wissieh illi jekk ma kienx se jhallas il-kont ma kienx ser igedded l-licenzji. Il-kont kien ikopri perijodu ta` sena. Meta pprezentalu l-kont, kienu ghaddew tlett xhur.

“Kompla jixhed illi f`Novembru 2000 huwa rranga biex il-vetturi jigu registrati f`ismu. Pero` Mifsud irrifjuta li jaghmel it-transfer sakemm isir il-hlas tal-Lm 1380 anke meta qorob iz-zmien ghat-tigdid tal-licenzji. In segwitu, huwa rcieva kont iehor ta` Lm1,380 ghas-sena 2001-2002, apparti l-kont ghal Lm1,380 ghas-sena 2000-2001, flimkien ma` *administrative costs* u imghax. Huwa talab li ssir laqgha ma` Mifsud fil-prezenza ta` l-avukati ta` fiducja ta` kull parti. Il-laqgha saret. Hemm insista li l-vetturi jduru fuq ismu. Mifsud irrifjuta sakemm jithallsu z-zewg kontijiet. Huwa offra lil Mifsud Lm400 izda l-iehor irrifjuta. Ikkonferma li baqa` jaghmel uzu tal-vetturi.

“Kompla jistqarr illi meta mar igedded il-licenzji f`Lulju 2002 kien infurmat bir-rifjut ta` Mifsud li jgedded jekk mhux fil-prezenza tieghu. Avallone ghamel proposta ta` hlas lil Mifsud ta` Lm 600 li giet rifjutata u ghalhekk il-licenzja baqghet ma gietx imgedda. Il-vetturi baqghu jinkrew u jaqilghu ic-citazzjonijiet. Mifsud qatt ma avzah bit-tahrikiet ghalkemm kien ikun notifikat. Kull citazzjoni kienet tirdoppja ghaliex hadd ma kien imur biex jikkontestahom. Wara tlett snin, Mifsud offra li jdawwar il-vetturi. Pero` inqalghu l-kwistjoni tal-multi. Fl-2006, nehha l-karozzi mit-triq.

“Fil-**kontroezami**, Avallone xehed illi l-ftehim kien redatt mill-Av. Francesco Depasquale. Hu u Mifsud kienu qablu fuq xi affarijiet u li huwa kien ghadda dik l-informazzjoni lill-avukat. Dottor Depasquale kiteb l-iskrittura. Hu mar gabarha minghandu u ghadda kopja taghha lil Mifsud. Dan kellu jghaddiha lill-avukat tieghu qabel jiffirmaha. Cahad li qatt kien sar xi ftehim fis-sens li jekk il-vetturi ma jdurux fi zmien tlett xhur, kellu jhallas kumpens lil Mifsud. Qatt ma ddiskutew x`kien se jigri wara li jghaddu t-tlett xhur billi hu kien cert li seta` jdawwar il-licenzji f`inqas minn tlett xhur. Id-dhul kollu mill-kiri tal-vetturi hadu hu. Ikkonferma li c-citazzjonijiet baqghu ma thallsux. Il-vetturi kienu ghadhom registrati f`isem Mifsud ghalkemm ma kienux qeghdin jintuzaw aktar fit-triq.

“**Brian Farrugia** mill-Awtorita` dwar it-Trasport xehed li n-numru ta` vetturi li persuna li tikri l-vetturi setghet tirregistra kien abbinat mal-ispazju li kellha fil-garaxx taghha. Fis-sena 1999/2000, kienet inghatat *extension* fis-sens li jekk wiehed kellu ghoxrin karozza, ghal kull tlett karozzi li kien hemm spazju taghhom kienu qed jinghataw ohra addizzjonali ghar-registrazzjoni. Meta harget din l-*extension,* il-Ministeru tal-Finanzi kien ghamel investigazzjoni biex jevalwa jekk kienx qed isir abbuz.

“**Audrey Ann Callus Randich** mill-Ministeru tal-Finanzi xehdet illi xehdet fis-sena 1999/2000, saret investigazzjoni dwar *public service garages*.

“**Ikkunsidrat**

“**III. Rizultanzi**

“**1) L-eccezzjoni tal-konvenut Raymond Avallone *de proprio***

“Il-konvenut Raymond Avallone de proprio talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghax sostna illi ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.

“Jirrizulta li ppruvat illi sar ftehim bil-miktub bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta.intimata li kien iffirmat minn Felix Mifsud ghas-socjeta` attrici u minn Raymond Avallone ghas-socjeta` konvenuta. Mhux kontestat illi meta Mifsud u Avallone tkellmu u ftehmu kienu qeghdin jaghmlu hekk bhala rapprezentanti ta-soscjetajiet rispettivi taghhom.

“Jirrizulta li s-sitt vetturi in kwistjoni kienu registrati f`isem Felix Mifsud bhala rapprezentant tal-kumpannija attrici u l-patt kien illi meta ddur il-licenzja dan it-trasferiment ikun f`isem Raymond Avallone bhala rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Jigi rilevat ukoll illi l-permess ghall-gestjoni tal-vetturi tal-kiri kien f`isem il-kumpanniji kontendenti mhux f`isem Felix Mifsud jew Raymond Avallone. Din il-Qorti tqis fondata l-eccezzjoni preliminari ta` Raymond Avallone de proprio.

"**Ghalhekk qeghda tilqa` l-eccezzjoni u tillibera lil Raymond Avallone de proprio mill-osservanza tal-gudizzju.**

"**2) <u>L-ewwel talba u relativi eccezzjonijiet</u>**

2Is-socjeta` attrici qeghda <u>fl-ewwel lok</u> titlob li tithallas kumpens kif pattwit mid-data tal-ftehim sa dakinhar tas-sentenza jew sakemm il-vetturi jigu trasferiti fuq il-permess tal-konvenuti, liema data tigi l-ewwel u <u>fit-tieni lok</u> qeghda titlob li tithallas ammont konsistenti f` multi inflitti mill-awtoritajiet in konnessjoni mas-sitt vetturi in kwistjoni sal-gurnata tas-sentenza jew sakemm il-vetturi jigu trasferiti fuq il-permess tal-konvenuti, liema data tigi l-ewwel.

"**a) <u>Talba ghall-hlas ta` kumpens</u>**

"Is-socjeta` konvenuta ressqet tlett eccezzjonijiet dwar din it-talba –

"i) Illi qatt ma kien miftiehem kumpens ;

"ii) Ftit wara li sar il-ftehim, is-socjeta` konvenuta talbet lis-socjeta` attrici biex tiffirma d-dokumenti ghat-trasferiment tal-licenzja, izda s-socjeta` attrici rrifjutat.

"iii) Minkejja l-assenza ta` ftehim dwar kumpens, is-socjeta` konvenuta, kienet offriet li thallas kumpens ragjonevoli proprju biex il-vetturi jigu trasferiti f` isimha. Dik l-offerta ghandha tinghaata konsiderazzjoni ghall-fini tal-kap tal-ispejjez.

"Jigi rilevat illi l-kopja tal-ftehim esebit ghal aktar minn darba ma fiehx il-firem tal-partijiet. Fl-istess waqt, din il-Qorti tghid illi waqt il-gbir tal-provi fil-kawza, kien accertat li l-ftehim bil-miktub (li kopja ffirmata tieghu baqghet ma gietx prezentata fil-kawza) kien il-ftehim li l-partijiet accettaw illi kkonkludew bejniethom u li ffirmaw. Ghalhekk din il-Qorti sejra toqghod l-iskrittura esebita bhala prova tal-pattijiet bejn il-partijiet.

"Din il-Qorti taccetta li fil-ftehim qatt ma kien intiz li kellu jinghata kumpens lis-socjeta` attrici. Il-ftehim huwa car u ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni.

"Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta (PA/RCP) tad-29 ta` Novembru 2001 fil-kawza '**<u>General Cleaners Co. Ltd. vs Accountant General et</u>'** inghad hekk –

> "*Jibda biex jinghad illi bhala principju generali, l-ligi u senjatament l-artikolu 1002 tal-Kodici Civili jghid illi "Meta l-kliem ta` konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni".*
>
> "*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti*

> *kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta` Ottubru, 1998 - **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines**").*
>
> "*Tkompli tghid din is-sentenza ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell "Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta` att miktub u hi talvalta ammessa biex tikkjarifika l*-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b`mod ambigwu" (Kollez. Vol. XXXIV. III.746).
>
> "*Jintqal inoltre illi "Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f`kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines**" - ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni"** - P.A. RCP. 12 ta` Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** - P.A. RCP. 30 ta` Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul"** - P.A. RCP 30 t`Ottubru 2001)."*

"Hemm numru konsiderevoli ta` decizjonijiet ohra li fihom saret riferenza ghal dawn il-principji. Hekk per ezempju fis-sentenza fil-kawza "**Stanislao Cassar et vs Chevalier Antonio Cassar"** tal-15 ta` Dicembru 1995 (Kollez. LXXIX.II.704) jinghad illi –

> "*Meta l-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car ma hemmx lok ghal interpretazzjoni" (Artikolu 1002 tal-Kodici Civili). Issa hu ovvju illi fil-kliem espress fil-klawsoli taz-zewg kuntratti fuq riportati ma hemm l-ebda ambigwita` jew ekwivocita`. . . Hu biss meta s-sens tal-kliem ma jaqbilx ma` dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, li ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet" (artikolu 1003 tal-Kap. 16). . .*
>
> "*Kif gie osservat mill-Qorti Civil, Prim`Awla fil-kawza **Sciberras Trigona v. Aneico** tas-6 ta` Ottubru, 1883, "quando le parole dell`atto sono chiare si deve stare alla lettura dell`atto, e non vi e` luogo a ricorrere a congetture" (Vol. XXXVI,P.I.p.191."*

"Issa fil-kaz in ezami, minkejja l-kontenut car tal-ftehim, Felix Mifsud, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, jinsisti li skond il-ftehim, il-bdil tal-licenzji tal-vetturi kellu jsir fi zmien tlett xhur. Din il-Qorti tghid illi ladarba t-terminu kien patwit, kif jallega Mifsud, kellu jitnizzel fil-ftehim ladarba l-ftehim bejn il-partijiet sar bil-miktub. Eppure l-ebda terminu ma tnizzel fil-ftehim. Mhijiex verosimili l-verzjoni ta` Mifsud illi l-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens illi wara li jghaddu tlett xhur, is-socjeta` konvenuta kellha tibda thallas kumpens talli l-licenzji jibqghu f` isem is-socjeta` attrici. Li gara fir-realta` huwa li s-socjeta` attrici kienet ghamlet pjacir ta` hbieb lis-socjeta` intimata. Infatti rrizulta mix-xiehda

ta` Mary Anne Bezzina u ta` Felix Mifsud illi huma kienu jafu tajjeb lil Raymond Avallone u n-negozju illi kellu. U li sar, sar bi pjacir in vista tal-hbiberija illi kien hemm bejniethom.

“Da parti taghha, is-socjeta` attrici taghmel l-argument illi kien Avallone li talabha tohrog kont sabiex tithallas kumpens. U l-ammont illi talbet li tithallas kien konformi mal-prattika li kienu jitolbu kumpaniji ohra li joffru dawk is-servizzi. Ghalkemm fit-tielet premessa tac-citazzjoni, huwa allegat illi l-kontendenti kienu qablu fuq il-prezz ta` Lm 200 fis-sena ghall kull vettura bhala kumpens, ma saritx il-prova (i) li tassew kien sar ftehim f`dak is-sens u (ii) li r-rata ta` Lm200 kienet skond prassi applikata f`dak in-negozju. Da parti taghha, is-socjeta` konvenuta nnegat li kien hemm xi qbil dwar kumpens. Ghalhekk ladarba kien jinkombi lill-kumpannija attrici li tressaq l-ahjar prova sal-grad rikjest mil-ligi u dan, fil-fehma ta` din il-Qorti, ma sarx, allura dak li nghad mill-kumpannija attrici jibqa` biss allegazzjoni mhux ippruvata.

“Dwar it-trasferiment ta` l-licenzji tal-vetturi, din il-Qorti ma tistax taghti affidament lill-verzjoni tal-konvenut dwar dan il-punt meta qal illi huwa kien talab lis-socjeta` attrici sabiex tiffirma d-dokumenti ghat-trasferiment tal-licenzji u s-socjeta` attrici rrifjutat.

“Skond il-ftehim, l-interpellazzjoni biex iduru l-licenzji kellha ssir billi s-socjeta` konvenuta tibghat ittra lis-socjeta` attrici. Pero` ma tressqet l-ebda prova li qatt intbaghtet ittra f`dan is-sens. Il-Qorti tissottolinea l-fatt li z-zewg partijiet kienu assistiti minn avukati anke qabel waslu ghal din il-kawza. Din il-Qorti mhijiex konvinta mit-tesi tal-kumpannija konvenuta meta tghid li s-socjeta` attrici rrifjutat li teffettwa t-trasferiment tal-licenzji sakemm tithallas kumpens. Dan ghaliex ma kien hemm propju xejn li jzomm lis-socjeta` attrici milli taghmel it-trasferiment u zzomm impregudikata l-pretensjoni taghha li tinsisti ghall-hlas tal-kumpens.

“**Din il-Qorti qeghda tilqa` l-eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta limitatament fejn tolqot it-talba ghall-hlas ta` kumpens.**

“**b) <u>Talba ghall-hlas tal-multi</u>**

“Is-socjeta` konvenuta kkontestat din il-pretensjoni tal-kumpannija attrici billi sostniet illi –

“i) Il-multi kienu nflitti ghaliex il-licenza tal-vetturi ma gietx imgedda. Dak it-tigdid baqa` ma sarx tort tas-socjeta` attrici. U kwindi l-kumpannija attrici ma tistax tippretendi illi tigi risarcita ghal multi li gabet hi bl-agir taghha.

“ii) Is-socjeta` attrici kienet tigi notifikata bis-seduti u bil-proceduri quddiem it-Tribunal li kien kompetenti biex jiddeciedi dwar ic-citazzjonijiet u cio` nonostante baqghet ma nfurmatx lill-konvenuti *a tempo vergine*.

"iii) Il-multi huma pagabbli lill-kunsilli lokali u kwindi l-kumpannija attrici ma ghandhiex il-jedd li tistitwixxi proceduri sabiex tesigi l-hlas ta` dawk il-multi.

"iv) Ma jirrizultax li l-kumpannija attrici attrici hallset *de proprio* dawk il-multi.

"Wara li qieset bir-reqqa dawn l-eccezzjonijiet u l-provi li tressqu fir-rigward, din il-Qorti ssib li fejn si tratta tal-multi, id-difiza tal-kumpannija konvenuta hija nsostenibbli u ghalhekk qeghda tkun respinta.

"Il-ftehim bejn il-partijiet kien ighid car li kwalunkwe multi relatati mal-vetturi in kwistjoni ma kienx responsabilita` tas-socjeta` attrici izda kellhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta. Issa ghalkemm irrizulta mix-xiehda tal-ufficjali tal-ADT li l-multi kienu nflitti ghaliex il-licenzji tal-vetturi ma kienux imgedda, ic-citazzjonijiet inhargu ghaliex il-vetturi baqghu jintuzaw fit-triq ghalkemm il-licenzja taghhom ma kenitx imgedda. Wiehed irid ifakkar illi ghalkemm il-vetturi kienu registrati f`isem is-socjeta` attrici, il-pussess effettiv u l-uzu tal-vetturi kien ghand il-kumpannija konvenuta. Kif jaccetta l-istess Raymond Avallone, il-kumpannija konvenuta kienet taf ben tajjeb illi l-licenzja ma kenitx imgedda. Del resto huwa kien imur igedded il-licenzji. Meta l-awtorita` kompetenti ma ppermettietx it-tigdid minhabba l-passi li hadet il-kumpannija attrici, minflok rat x`taghmel biex tirrimedja ghal dik is-sitwazzjoni, il-kumpannija konvenuta halliet kollox ghaddej anzi baqghet taghmel uzu tal-vetturi fit-triq ghal skop ta` kiri u allura baqghet iddahhal il-flus mill-kiri tal-vetturi, ghad illi kienet taf li l-vetturi kienu qeghdin jinsaqu fit-triq bil-licenzja skaduta. Ma hemmx prova illi l-kumpannija attrici kienet notifikata bis-seduti quddiem it-Tribunal. Fl-istess waqt irid jinghad li l-ftehim ma kienx ighid illi s-socjeta` attrici kellha l-ebda obbligu li tinforma lis-socjeta` konvenuta bil-kontravvenzjonijiet. Abbazi tal-ittri esebiti a fol 38 u a fol 47, jirrizulta li l-awtoritajiet kienu ser jiehdu azzjoni kontra s-socjeta` attrici fl-eventwalita` li din ma kenitx sejra thallas il-multi. Ghalhekk is-socjeta` attrici kellha tmexxi bil-proceduri tal-lum sabiex tigbor minghand il-kumpannija konvenuta l-multi li l-kumpannija attrici kienet sejra tkun interpellata biex thallas mill-awtoritjiet kompetenti ladarba l-vetturi kienu registrati fuq isem il-kumpannija attrici. Jirrizulta pruvat bix-xiehda tal-ufficjali tal-ADT illi l-multi baqghu ma thallsux. Din il-Qorti m`ghandhiex dubju li l-hlas tal-multi huwa kollu kemm hu dovut mill-kumpannija konvenuta anke ghaliex konsapevolment halliet il-vetturi jintuzaw fit-triq ghal-lukru ghad illi l-licenzja taghhom kienet skaduta.

"**c) <u>Likwidazzjoni</u>**

"Wara li qieset il-fatti li hargu mix-xiehda tal-ufficjali tal-ADT, partikolarment ic-cifri tal-multi akkumulati fir-rigward ta` kull wahda mis-sitt vetturi in kwistjoni, fatti mhux kontradetti mill-kumpannija konvenuta, din il-Qorti qeghda tillikwida l-multi fl-ammont ta` **<u>€24,934.51</u>**.

"**d) Il-kundanna tal-hlas**

"Din il-Qorti sejra tipprovdi fid-decizjoni taghha.

"**e) L-ispejjez u l-imghax**

"Is-socjeta` attrici talbet li l-ispejjez ta` l-kawza, tal-mandati ta` qbid u ta` sekwestru kawtelatorji prezentati fis-17 ta` Novembru 2005 jithallsu mill-konvenuti. Id-decizjoni ta` din il-Qorti sejra tkun riflessa` f`dak li pprovdiet dwar it-talbiet attrici.

"Is-socjeta` attrici talbet wkoll il-hlas ta` l-imghax legali b`effett mid-data tal-presentata tal-mandati kawtelatorji. Din il-Qorti ma tikkondividix ma` din it-talba u dana peress li ladarba l-kumpannija attrici talbet likwidazzjoni segwita minn talba ghall-hlas, l-imghax legali ghandu jiddekorri minn dakinhar li ssir il-likwidazzjoni. In sostenn ta` dan, din il-Qorti taghmel referenza *inter alia* ghad-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi**" (Qorti ta` l-Appell – 30 ta` Gunju 2004) fejn inghad illi kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet, u dana proprju minhabba l-principju ta` *in liquidandis non fit mora*."

Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħġobha:

"… … … tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-6 ta' Dicembru 2012, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi tikkonferma nkwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellant Raymond Avallone billi tghid illi ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kumpannija attrici appellata u l-konvenut appellant Raymond Avallone de proprio, u kwindi illiberat lill-konvenut appellant Raymond Avallone de proprio mill-osservanza tal-gudizzju, inkwantu laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti appellanti u inkwantu ordnat li l-ispejjez tal-konvenut appellant Raymond Avallone de proprio ghandhom jithallsu mill-kumpannija attrici appellata, izda tirrevokaha u thassarha inkwantu cahdet it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` appellanti, laqghet l-ewwel talba tas-socjeta` appellata limitatament billi ddikjarat li l-kumpannija appellanti hija debitrici tas-socjeta` attrici appellata ghall-multi kollha li kienu inflitti kontra l-kumpannija attrici appellata mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-sitt vetturi fuq riferiti, inkwantu pprovdiet dwar it-tieni talba billi limitatament billi llikwidat il-hlas tal-multi li ghandu jsir mill-kumpannija appellanti lill-kumpannija attrici appellata fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf u disa' mija u erbgha u tletin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€24,934.51)

> u inkwantu pprovdiet dwar it-tielet talba billi ikkundannat lill-kumpannija appellanti sabiex thallas lill-kumpannija attrici appellata s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf u disa' mija u erbgha u tletin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€24,934.51) bl-imghax legali b'effett mid-data tas-sentenza u minflok tichad it-tieni u t-tielet talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellata."

Rat ir-risposta u l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħġobha:

> "… … … ghar-ragunijiet migjuba tvarja u timmodifika s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti moghtija fl-ismijiet premessi u datata 6 ta' Dicembru 2012 fis-sens illi ghandha tikkonferma l-istess fejn laqghet it-talbiet attrici fejn jikkonernaw ir-responsabbilita`, likwidazzjoni u kundanna tal-hlas tal-multi u thassar l-istess fejn cahdet l-istess talbiet fil-konfront tal-hlas tal-kumpens u minflok tghaddi biex tiddeciedi favur is-socjeta` rikorrenti wkoll fuq il-hlas tal-kumpens ghas-servizz minnha prestat lis-socjeta` ntimata.
>
> Bl-ispejjez taz-zewg istanzi konta l-istess socjeta` intimata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta għall-appell inċidentali imressaq mis-soċjeta` attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti li l-appell inċidentali interpost mis-soċjeta` attriċi għandu jiġi miċħud u li kapijiet tas-sentenza hekk appellati minnha għandhom jiġu kkonfermati;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ftehim illi sar bejn il-kontendenti li bis-saħħa tiegħu s-soċjeta` attriċi ppermettiet lis-soċjeta` konvenuta tirreġistra u żżomm sitt vetturi (mixtrija mill-istess soċjeta` konvenuta) f'isem is-soċjeta` attriċi, u dan sakemm tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex dawn iduru fuqha. Il-ftehim sar fil-bidu ta' Awwissu 2000 u ma jistipula ebda korrispettiv. Il-ftehim sar peress illi s-soċjeta` konvenuta riedet tużufruwixxi ruħha minn skema tal-gvern billi żżid in-numru ta' vetturi li kienet toffri għall-kiri bħala parti min-negozju tagħha. Wara li saret l-ordni tal-vetturi u ħlas tad-depożitu għalihom, l-iskema ġiet sospiża u s-soċjeta` konvenuta ma setgħetx tirreġistra l-vetturi fuq isimha; għalhekk, sar il-ftehim bejn il-ħbieb. Dan l-arrangament kellu jibqa' fis-seħħ għal żmien qasir/tlett xhur. Meta eventwalment, is-soċjeta` konvenuta setgħet tieħu l-vetturi taħt idejha, talbet li l-vetturi jduru fuq isimha, pero`, is-soċjeta` attriċi ma rieditx tagħmel dan qabel ma titħallas kumpens għall-għajnuna li tat. Skont il-ftehim, ġie patwit li s-soċjeta` attriċi ma kellhiex tiġi tenuta responsabbli għall-ħlas tal-multi.

Is-soċjeta` attriċi, f'din il-kawża, qed titlob ħlas ta' kumpens u r-rimbors tal-multi li ġiet rinfaċċjata bihom minħabba l-użu tal-vetturi. L-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel talba, iżda laqgħet it-tieni talba u ordnat li s-soċjeta` konvenuta tirrifondi lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €24,934.51. Il-konvenut Ray Avalone gie liberat mill-ossevanza tal-ġudizzju u ma tressaq ebda appell minn din id-decide.

Mis-sentenza appellat principalment is-soċjeta` konvenuta li tissottometti illi ma għandhiex tħallas il-multi peress illi dawn ġew inkorsi tort tas-soċjeta` attriċi li żammet milli jsir it-trasferiment tal-liċenzja tal-vetturi. Appellat inċidentalment ukoll is-soċjeta` attriċi li trid kumpens għall-għajnuna li tat.

Trattat l-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta, din il-Qorti taqbel mas-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li l-ħlas relattiv irid isir kif minnha ordnat. Il-ftehim ma kienx jistipula kif u taħt liema kondizzjonijiet kellu jsir it-trasferiment tal-liċenzji, għalkemm kien aċċettat li dan kellu jsir xi darba. Skont il-ftehim, is-soċjeta` konvenuta kellha tibgħat ittra lis-soċjeta` attriċi fejn titlob li l-liċenzji jduru għal fuqha iżda ma jirriżultax li ntbagħtet tali ittra. Ma jirriżultax, allura, li s-soċjeta` attriċi tpoġġiet formalment *in mora*. Min-naħa l-oħra, il-ftehim jgħid b'mod ċar li kwalunkwe multi relatati mal-vetturi in kwistjoni ma jkunux responsabbilita` tas-soċjeta` attriċi. Huwa veru li meta s-soċjeta` konvenuta talbet li l-vetturi jduru fuq isimha, is-soċjeta` attriċi rrifjutat, pero`, is-soċjeta` konvenuta ma ħadet ebda passi legali biex titlob dak li kienet qed issostni kien id-dritt tagħha. Hija ħalliet kollox għaddej kif kien u baqgħet tagħmel użu mill-vetturi u tikrihom bi qliegħ għaliha, avolja kienet taf li l-liċenzji tagħhom ma kienu gew imgedda. F'dawn iċ-ċirkostanzi, is-soċjeta` konvenuta kellha d-dmir tiggaraxxja l-vetturi, u

tfittex għad-drittijiet tagħha u jekk hemm bżonn, ukoll għad-danni. Minflok, bi ksur lampanti tal-liġi, hi baqgħet tuża l-vetturi fit-triq u taqla' l-flus minnhom. Ir-responsabbilita` għall-ksur tal-liġi hija biss tas-soċjeta` konvenuta, u hi għandha tkun tenuta tħallas il-multi relattivi.

Hu veru li, milli jidher, il-multi għadhom ma tħallsux, pero`, amministrattivament se tbati l-konsegwenzi s-soċjeta` attriċi, li jfisser li din għandha dritt tiġbor is-somma relattiva sabiex tkun f'pożizzjoni teżimi ruħha mir-responsabbilita` fiskali li s-soċjeta` konvenuta daħħlitha fih.

L-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta qed jiġi miċħud.

Trattat issa l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi, hawn ukoll din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni relattiva tal-ewwel Qorti. Is-soċjeta` attriċi tilmenta mill-fatt li hi kienet mgħobbija bil-piż u responsabbilita` legali għall-fatt li l-vetturi kienu għadhom reġistrati fuq isimha mingħajr ma kienet qed tiggwadanja xejn bħala korrispettiv. Dan, pero`, messha ratu meta iffirmat il-ftehim mas-soċjeta` konvenuta. Il-ftehim ġie ffirmat bejn persuni li kienu suppost ħbieb dak iż-żmien, u la ma sarx arranġament fuq xi forma ta' kumpens din il-Qorti ma tistax tagħti forza lill-obbligazzjoni li ma tirriżultalhiex. Is-soċjeta` attriċi żżid billi tosseva li, wara l-ftehim, sar qbil fuq kumpens; is-soċjeta` konvenuta tiċħad dan.

Provi ulterjuri ma hemmx u, bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti tara illi kieku l-partijiet riedu jiftehmu fuq kumpens kienu jagħmlu dan fl-iskrittura, u lanqas ma hi konvinta li, wara xi żmien, kien intlaħaq ftehim fuq kumpens. Hu minnu li s-socjeta` konvenuta offriet xi forma ta' kumpens meta rat li s-soċjeta` attriċi kienet intransigenti u ma rieditx tittrasferixxi l-liċenzji tal-vetturi, pero`, jidher ċar li dan sar b'tentattiv li jintlaħaq ftehim, u mhux għax kien hemm xi rabta dwar dan. Din il-Qorti mhix konvinta bit-teżi attriċi fuq dan il-punt, u l-aggravju relattiv qiegħed għalhekk, jiġi miċħud.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta, kif ukoll mill-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi billi tiċħadhom it-tnejn, u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż ta' din it-tieni istanza jitħallsu billi kull parti tħallas l-ispejjeż marbuta mal-appell tagħha.

Silvio Camilleri
Prim Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Joseph Azzopardi
Imħallef

Deputat Registratur
df